**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can),**

**Ammissjoni Nru. 1/2023**
**Ir-Repubblika Ta' Malta**
**Vs**
**Al Mahy Ezzo Saeed**

**<u>Illum 18 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' **Al Mahy Ezzo Saeed**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru **9002047A**, fejn gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Lulju, 2022, gewwa dawn il-gzejjer:

Ghall-habta ta' bejn il-hamsa u nofs (17:30) u s-sitta u nofs (18:30) ta' filghaxija u/jew fil-hinijiet ta' qabel jew ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, senjatament gewwa Triq Patri Felicjan Bilocca u/jew fil-vicinanzi, fil-Marsa, Malta:

1. Dolozament, bil-hsieb li toqtol persuna, cioe lil Mahmoud Adly Qasim Gouda, imwieled nhar il-wiehed u ghoxrin (21) jum tax-xahar ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u disghin (1996), ta' nazzjonalità Egizzjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 19N-035, jew li tqieghed il-hajja tal-istess Mahmoud Adly Qasim Gouda f'periklu car, ikkagunajtlu l-mewt;

2. U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) garrejt 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta liema xorta jkun minghajr ma kellek licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), fil-hin li kont qieghed taghmel delitt kontra l-persuna, kellek fuq il-persuna tieghek arma regolari u/jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, inkluz l-armi u/jew ghodod ohra li ntuzaw u/jew setghu ntuzaw waqt id-delitt;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna lill-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Bhala Qorti Stuttorja tal-25 ta' Marzu, 2023, fejn l-akkuzat Al Mahy Ezzo Saeed, **ammetta** l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-ewwel Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali, ta' nhar l-1 ta' Frar, 2023, ai termini tal-Artikolu 392B tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha l-esponent Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, filwaqt illi:

1. Jiddikjara li huwa rcieva l-Atti tal-Kompilazzjoni fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Al Mahy Ezzo Saeed nhar it-tletin (30) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u dan wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja ordnat li l-atti tal- kumpilazzjoni jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 392B tal-Kodici Kriminali u dan stante li l-imputat Al Mahy Ezzo Saeed, fis-seduta ta' nhar il-hamsa u ghoxrin (25) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) stqarr li huwa hati tar-reati li bihom gie akkuzat, liema reati huma soggetti ghal piena ta' aktar minn tnax-il-sena prigunerija;

2. Jiddikjara wkoll, ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta). li l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja u li ghalihom l-imputat irreġistra l-ammissjoni fuq imsemmija ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-fil-25 ta' Jannar 2023, u sussegwentement kkonfermata quddiem din l-istess Qorti nhar il-15 ta'

Settembru 2023 , tiddikjara lil Al Mahy Ezzo Saeed, hati talli nhar l-24 ta' Lulju 2021 gewwa dawn il-gzejjer:

1. Dolozament, bil-hsieb li toqtol persuna, cioe lil Mahmoud Adly Qasim Gouda, imwieled nhar il-wiehed u ghoxrin (21) jum tax-xahar ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u disghin (1996), ta' nazzjonalità Egizzjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 19N-035, jew li tqieghed il-hajja tal-istess Mahmoud Adly Qasim Gouda f'periklu car, ikkagunajtlu l-mewt;

2. U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) garrejt 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta liema xorta jkun minghajr ma kellek licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), fil-hin li kont qieghed taghmel delitt kontra l-persuna, kellek fuq il-persuna tieghek arma regolari u/jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u cioe nhar l-erbgha u ghoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), ksirt volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat il-fedina penali tal-hati Al Mahy Ezzo. Esebita fl-atti u minn esami ta l-istess jirrizulta lil-akkzuat gja instab hati fuq numru ta kontravenzjonijiet kemm ilu hawn Malta

**Ikkunsidrat,**

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija u cioe' il-linji gwida imfassla fid-decizjonijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

**Ikkunsidrat;**

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** [1] fejn intqal is-segwenti:

S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Apparti minn hekk din il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**[2] deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn din il-Qorti kienet ukoll iċċitat siltiet mill-Blackstone preċiżament fir-rigard ta' meta akkużat ikun meritevoli jew le li jingħata skont fil-piena li jkollha tiġi imposta. Fil-fatt dik il-Qorti kienet qalet li:

Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[3], l-ammissjoni bikrija

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Frar 2009
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2004
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta Lulju 2002

mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[4], [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5] , [17.7.2002].

F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE[6] :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11*

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-17 ta' Lulju 2002
[6] Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc

*Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..*"

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie ffurmat il-guri, li pero' din ma sartix ma' l-ewwel opportunita moghtija lilu u cioe' mal-prezentata b'arrest tal-hati, izda saret sitt zhur wara nhar il-25 ta' Jannar 2023 waqt il-kumpilazzjoni.

Illi l-akkuzat tressaq il-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar is-26 ta' Lulju 2022 akkuzat *inter alia* bl-omicidju ta' bniedem ta' ghoxrin sena ta' nazzjonaltia Egizzjana u cioe' Mohammed Adly Qassem[7] senjatament gewwa Triq Patri Felician Bilocca, Marsa meta l-akkuzat b'mod brutali qabad u tah skond ir-relazzjoni tal-espert medico legali Dr Edward Basile Cherubino esebita fl-atti a tol 165 *et seq* ghaxar daqqiet bis-sikkina[8]. Jirrizulta bhala fatt li Mohammed Adly Qassem miet bhala kagun ta' '*cardiac tamponade and hypovolaemic shock secondary to a perforation of the left ventricular perforation secondary to a penetrating stab wound to the left side of chest*' kif iccertifikat mill-patologisti nominati fl-inkejsta u cioe' Dr David Pisani u Dr Ali Safraz fir-rapport taghhom esebit fl-atti [9].

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-aggressur inzamm fuq il-lok tal-incident minn numru ta' persuni li kienu raw lill-aggressur jaghti diversi daqqiet ta' sikkina lill-vittma u dan sakemm waslu fuq il-post il-pulizija li arrestaw u hadu fil-kustodja taghhom lill-istess aggressur ghal aktar investigazzjoni. Jirrizulta li in effetti kien hemm min ra lill-akkuzat jaghti d-daqqiet tas-sikkina fosthom Ambali Mohammed li qal fix-xhieda

[7] Dok HG 1 fol. 26 ta l-atti
[8] Fol. 237 tal-atti
[9] Dok DP1 esebit a fol 256 ta l-atti

tieghu[10] li ra lill-akkuzat jaghti bis-sikkina ragel ta' karnaggjon bajda. Dan beda jghajjat u jghidlu biex jieqaf izda rah itih diversi daqqiet. Qal li hass li kien qed jiggenen jarah jaghti bl-addocc u kullimkien f'zaqqu, f'sidru u fuq qalbu. Sakemm fl-ahhar rah mal-art f'ghadajjar ta' demm. Dan ix-xhud jghid ukoll li l-aggressur ried jitlaq jigri izda zammu u ra li jcempel lill-pulizija. F'hin minnhom jghid lil-aggressur ta is-sald u telaq jigri u zammu minn saqajh milli jahrab.

Sesey Abdullah ukoll jiddiskrivi l-manjera brutali li esercita l-aggressur u cioe' l-akkzuat meta beda jaghti bla hniena lill-vittma. Jiddiskrivi il-varji daqqiet ta' sikkina li tah fuq gismu bla razan u li ma riedx jieqaf b'xejn . Jghid li rah johrog sikkina mill-qalziet tieghu li kienet go speci ta'pouch. Nehhiha mill-pouch u ta zewg daqqiet f'dar il-vittma u appena il-vittma dar tah daqqa ta' sikkina f'qalbu. Talbu biex jieqaf minn din l-aggressjoni izda kien ghal xejn ghax baqa' ghaddej. L-aggressur baqa' isegwi lil-vitma u appena lahqu tah daqqa ta' sikkina ohra fuq zaqqu. Rah itieh hames daqqiet ta' sikkina, darbtejn f'daru, darbtejn fuq sidru u darba fuq zaqqu. Mar jigri lejn l-ghassa tal-Marsa izda ma kienx hemm pulizija. Imbaghad cempel l-ghassa tal-Hamrun u talab ghall-assistenza. Wara ra l-aggressur jigri u l-vittma jigri warajh u wara jara il-vitma jaqa' mal-art . Kullhadd beza mill-aggressur izda huwa gera warajh u qabdu u raznu bl-ghajnuna ta' neis ohra li kienu hemm jghinuh. Malli gew il-pulizija qalilhom li l-aggressur kellu sikkina u dan sabiex jiehdu hsieb persunthom ukoll. Mistoqsi x'kienet il-problema jghid li ma jafx pero jaf li l-vittma kien qed jixrob qabel ma gie ferut. Ahmed Feysal Khalid u Lucky Polo ukoll ikkonfermaw dak li kien gara u cioe' li kien l-aggressur li attakka lill-vitma.

Illi mis-suespost jidher li l-aggressur akkzuat qabad u bla hniena ta diversi daqqiet lill-vittma b'sikkina tant li spicca miet kagun ta daqqa minnhom. Ili din il-Qorti ma tistax thalli lil min jahseb li jista' jaqbad u iferri nies ta' xejn b'xejn u ma isibx l-id tal-

[10] Xhieda datata 24 ta' Lulju 2022 fol. 104

gustizzja li tikkundannah. Illi dak li ghamel l-akkuzat mhu xejn hlief agir barbaru bla qies.

L-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fatti speċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**)." Difatti, f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem,** intqal:

> *"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."*

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li l-aggressur akkuzat zamm fuq persuntu sikkina u dan minghajr raguni gustifikata u minnufih harigha mill-pouch u beda jghati biha. Illi huwa dan l-agir li ghandu jigi mrazzan u penalizzat ghaliex bil-ksuhat tal-aggressur akkuzat spicca miet guvni ta' ghoxrin sena. Dan kien kaz ta' vjolenza bla bzonn ghaliex ma jirrizultax li l-aggressur qatt kien f'xi perikolu. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan hu omicidju ikrah hafna u l-akkuzat ghandu ghalhekk jigi penalizzat bi kbir. M'hemmx dubbju li z-zamma u gar ta' sikkina turi certu pre-disposizzjoni li kellu l-akkuzat sabiex jikkommetti delitt bl-uzu ta' din l-arma.

Il-Qorti qiset il-fatt li l-akkuzat irregistra ammissjoni u ghalhekk iffranka l-hin prezzjuz taghha u in oltre gew salvati flejjes publici u hin prezzjuz tal-amminsitrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk dan hu fattur li din il-Qorti ser tqis meta

tigi biex terroga l-piena. Pero ma tistax minn naha l-ohra ma tipprotegix ic-cittadini taghha u tara li jkun hemm il-kalma u nuqqas ta' perikolu fit-toroq. Dan hu reat mill-iktar kiefer u ghalhekk il-piena ghandha tirrifletti dan il-fattur. Ir-reat ta' omicidju volontarju jgorr mirghu piena ta' ghomor il-habs pero f'dawn ic-cirkostanzi kif fuq deskritti jiggustifikaw li jkun hemm riduzzjoni fil-piena u ghalhekk ma hiex ser tibghat lill-akkuzat sabiex jghamel ghomru l-habs.

Din il-Qorti ghalhekk wara li tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tar-reati kif ammessi minnu qeda wara li rat l-artikoli tal-Ligi 17h, 211 (1) (2) , 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55 tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-akkuzat hati tar-reati minnu ammessi u tikkundannah tlettin sena prigunerija effettiva u multa ta' (mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centesmu euro (116.47).

Tordna li z-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mill-perijdou ta' prigunerija impost b'din is-sentenza.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ, b'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**